IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.7.2015
SWD(2015) 140 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabilixxi qafas għat-tikkettar tal-effiċjenza tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE

{COM(2015) 341 final}
{SWD(2015) 139 final}

MT

MT

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

1. Il-kuntest tal-politika

1. Id-Direttiva dwar it-Tikkettar tal-Enerġija tirrikjedi li l-Kummissjoni tirrevedi l-effettività tad-Direttiva u tal-atti delegati tagħha sal-2014.

2. Id-Direttiva tal-Ekodisinn irrikjediet lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-effettività tad-Direttiva u l-miżuri tal-implimentazzjoni tagħha sal-2012. Dik ir-reviżjoni[1] kkonkludiet li ma kienx hemm bżonn ta' reviżjoni immedjata, imma li d-Direttiva tista' terġa' tiġi riveduta mar-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tikkettar tal-Enerġija, għax l-effetti tar-regolamenti ta' implimentazzjoni tal-ekodisinn u r-regolamenti delegati tat-tikkettar tal-enerġija għall-istess prodotti relatati mal-enerġija ħafna drabi jkunu relatati ma' xulxin u kumplimentari għal xulxin.

2. L-evalwazzjoni u d-definizzjoni tal-problema

3. Id-Direttivi dwar it-Tikkettar tal-Enerġija u l-Ekodisinn inħolqu biex jindirizzaw il-problema bażika li xi prodotti jista' jkollhom impatt negattiv fuq l-ambjent skont kif inhuma magħmulin, kif jintużaw u kif jintremew.

4. Id-Direttiva dwar l-Ekodisinn timbotta s-suq billi tipprojbixxi l-inqas prodotti effiċjenti. Id-Direttiva dwar it-Tikkettar tal-Enerġija tħeġġeġ lill-konsumaturi biex jixtru aktar prodotti effiċjenti fl-enerġija billi tinfurmahom dwar l-użu tal-enerġija tal-prodotti permezz ta' tikketta tal-enerġija. Ir-rekwiżiti għal prodotti speċifiċi relatati mal-enerġija (bħal magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ jew muturi elettriċi) huma mfassla permezz ta' atti delegati (għat-tikkettar tal-enerġija) u atti ta' implimentazzjoni (għall-ekodisinn).

5. L-ambitu tal-evalwazzjoni ma jidħolx fil-mistoqsija dwar jekk l-iffrankar fl-enerġija huwiex aktar jew inqas kosteffettiv minn dak miksub f'setturi oħrajn. Sabiex jintlaħqu l-miri tad-dekarbonizzazzjoni u tal-enerġija, hemm bżonn ta' miżuri fis-setturi kollha biex ikun hemm iffrankar fl-enerġija, u l-ispejjeż biex jintlaħaq l-iffrankar tal-enerġija permezz tal-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija jkunu, fl-agħar każ, daqs jew inqas minn żero.

6. L-enfasi qiegħda fuq il-qafas tad-Direttivi u mhux fuq il-miżuri ta' implimentazzjoni individwali, li huma soġġetti għall-proċess tal-valutazzjoni tal-impatt tagħhom. Kwalunkwe prodott ġdid li fil-futur jista' jkun indirizzat taħt l-ekodisinn u/jew it-tikkettar tal-enerġija jkun identifikat fil-Pjan ta' Ħidma 2015-2017, li l-Kummissjoni għandha l-pjan li tadotta bħala parti mill-pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari aktar tard fl-2015.

7. Hemm miżuri oħrajn potenzjali tal-politika li jistgħu jżidu l-effiċjenza ta' prodotti relatati mal-enerġija, bħal miżuri fiskali, skemi ta' inċentivi, eċċ. Madankollu, din il-valutazzjoni tal-impatt tindirizza l-problemi speċifiċi li rriżultaw fl-implimetazzjoni taż-żewġ Direttivi. F'kuntest usa', il-linji politiċi tat-tikkettar tal-enerġija u tal-ekodisinn urew li jaħdmu tajjeb madwar id-dinja. 59 pajjiż mhux tal-UE adottaw it-tikketti tal-enerġija, nofshom b'disinji simili għat-tikketta tal-UE. Mill-inqas, 45 pajjiż barra mill-UE adottaw rekwiżiti minimi għall-effiċjenza fl-enerġija għal prodotti.

[1] COM(2012) 765 finali.

8. Sal-lum, daħlu fis-seħħ 24 regolament ta' implimentazzjoni tal-ekodisinn. Il-prodotti koperti jvarjaw minn apparat tad-dar, bħal friġġijiet, bozoz u bojlers, għal apparat professjonali u industrijali, bħal muturi elettriċi u fannijiet. Barra minn hekk, 12-il regolament delegat fuq it-tikkettar tal-enerġija issa jassiguraw li firxa ta' prodotti, l-aktar dawk tal-konsumatur, iridu jinbiegħu b'tikketta tal-enerġija tal-UE mwaħħla magħhom.

9. F'termini ta' ffrankar tal-enerġija, il-miżuri tal-ekodisinn u tat-tikkettar tal-enerġija fis-seħħ sal-lum huma stmati li jiffrankaw 175 Mtoe ta' enerġija primarja fis-sena sal-2020. F'dak li għandu x'jaqsam mal-aspetti ambjentali aktar milli mal-konsum tal-enerġija, sa issa l-impatt ma jistax jitkejjel daqstant. L-iffrankar tal-enerġija hu stmat li jirrappreżenta 100 biljun ewro fis-sena sal-2020, ekwivalenti għal 465 ewro kull dar.

10. Minbarra benefiċċji ambjentali u monetarji, ir-rekwiżiti stabbiliti f'livell tal-UE huma ta' benefiċċju wkoll għall-industrija. Qafas regolatorju armonizzat tal-UE jnaqqas l-ispejjeż għall-manifatturi u jistimula l-innovazzjoni fil-qasam tal-effiċjenza tal-enerġija.

11. Madankollu, l-evalwazzjoni li saret għal din il-valutazzjoni tal-impatt[2] uriet li, b'mod partikolari, l-introduzzjoni tal-klassijiet A+ sa A+++ naqqsu l-effettività tat-tikketti tal-enerġija. Il-klassijiet A+++, A++, A+ miżjuda fir-riformulazzjoni tad-Direttiva fl-2010 naqqsu l-effettività tat-tikketta biex tipperswadi lill-konsumaturi jixtru prodotti aktar effiċjenti. L-iskala tat-tikketta l-ġdida tinftiehem mill-konsumaturi, imma naqqset ir-rieda tagħhom milli jħallsu aktar għal prodotti aktar effiċjenti. Huma inqas motivati bid-differenza ta' bejn il-klassijiet A+ u A+++ milli bid-differenza ta' bejn C u A. Biex ikun indirizzat aktar avvanz teknoloġiku hemm bżonn li l-klassijiet tat-tikketta jkunu riveduti meta l-biċċa l-kbira tas-suq tkun laħqet il-klassi A+++. L-eżerċizzju ta' definizzjoni mill-ġdid tal-iskali għadu ma sarx, għax għad m'hemmx metodu li sar qbil fuqu. Problema oħra għat-tikketti tal-enerġija hi li hemm żieda fil-bejgħ ta' mudelli akbar, li huma effiċjenti u għalhekk jingħataw klassi għolja ta' enerġija, imma li xorta għandhom konsum assolut ogħla minn prodotti iżgħar tal-istess tip.

12. Hemm problemi oħrajn komuni għall-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija. L-ewwel, in-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-ekodisinn u t-tikkettar, parzjalment relatat mal-infurzar dgħajjef mill-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq. It-tieni, numru ta' regolamenti tal-prodotti għandhom livell baxx ta' ambizzjoni, u t-tielet, proċess twil ta' regolamentar, li jwassal għal xogħol tekniku u preparatorju li ma jkunx għadu validu fiż-żmien meta jittieħdu d-deċiżjonijiet.

13. Problema tal-aħħar hi relatata b'mod predominanti mal-ekodisinn: l-impatti ambjentali aktar milli l-konsum tal-enerġija fil-fażi tal-użu jistgħu jingħataw aktar attenzjoni.

3. Sussidjarjetà

14. Il-miżuri fuq l-effiċjenza tal-prodotti li jittieħdu mill-Istati Membri joħolqu ostakli għall-moviment liberu tal-prodotti fl-UE u piż bla bżonn għall-industrija biex tkun konformi mas-settijiet ta' regoli differenti f'kull Stat Membru. Azzjoni fil-livell tal-UE hi l-uniku

[2] Ecofys, Evaluation of the Energy Labelling Directive and specific aspects of the Ecodesign Directive, Ġunju 2014; London Economics, studju dwar l-impatt tat-tikketta tal-enerġija – u tat-tibdiliet potenzjali tagħha – fuq il-fehim tal-konsumaturi u d-deċiżjonijiet tax-xiri, Ottubru 2014.

mod li jassigura li r-rekwiżiti u t-tikketti għall-prodotti mqiegħda fis-suq huma l-istess għall-Istati Membri kollha.

4. Għanijiet

15. L-għan speċifiku hu li jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u impatti sinifikanti ambjentali oħra tal-prodotti billi jiġi assigurat li l-konsumaturi jkunu infurmati b'mod relevanti u li faċli jinftiehem, u li l-industrija tkun tista' tibdel l-isfidi ambjentali f'opportunitajiet ekonomiċi.

5. Deskrizzjoni tal-għażliet politiċi u l-metodoloġija

16. L-għażliet politiċi li ġejjin għal titjib fil-qafas tat-tikkettar tal-enerġija u tal-ekodisinn huma kkunsidrati, elenkati f'ordni bi grad ta' ambizzjoni dejjem jiżdied biex jiġu indirizzati l-problemi:

    1. Azzjoni ġdida mhux leġiżlattiva
    1+. Azzjoni ġdida mhux leġiżlattiva u titjib leġiżlattiv għat-tikkettar tal-enerġija
    2. Riforma leġiżlattiva sinifikanti kemm għall-ekodisinn kif ukoll għat-tikkettar tal-enerġija
    3. Riforma komprensiva tal-ekodisinn u tat-tikkettar tal-enerġija li testendi l-ambitu għal prodotti li mhumiex relatati mal-enerġija u li tiċċentralizza s-sorveljanza tas-suq f'livell tal-UE.

17. Kull waħda mill-għażliet politiċi tikkonsisti f'numru ta' miżuri li jindirizzaw il-problemi differenti identifikati, bi grad differenti ta' ambizzjoni.

18. Huma biss l-għażliet politiċi li jippermettu tibdil leġiżlattiv fit-tikkettar tal-enerġija li jistgħu jindirizzaw il-problema tat-tifsil tat-tikketta tal-enerġija. Tliet sottogħażliet, barra t-tikketta attwali tal-A+++ sa D, għat-tifsil tal-iskala tat-tikketta huma kkunsidrati:

    a. Tikketta A-G, li l-klassijiet tagħha jkunu jeħtieġu eżerċizzju ta' skalar mill-ġdid kull 5-10 snin
    b. Tikketta numerika (eż. 40-100, bi spazju fejn jistgħu jiżdiedu l-klassijiet 0-30 fin-naħa ta' fuq)
    c. Tikketta b'numri li jmorru b'lura (eż. 7-1, bi spazju fejn jistgħu jiżdiedu l-klassijiet 8, 9 eċċ, fin-naħa ta' fuq)

19. Il-problema relatata ma' mudelli akbar hi indirizzata bil-miżuri alternattivi ta' enfasi akbar fuq il-konsum assolut tal-enerġija fuq it-tikketta (għażla 1) u li prodotti akbar ikunu meħtieġa jilħqu effiċjenza akbar biex tintlaħaq ċertu klassi tat-tikketta (għażliet 1+, 2 u 3). Barra minn hekk, l-għoti ta' informazzjoni monetarja, mat-tikketta tal-enerġija, hi miżura li tindirizza aktar din il-problema għal gruppi ta' prodotti b'konsum għoli ta' enerġija (għażliet 1+, 2 u 3).

20. It-tliet problemi komuni għall-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija huma indirizzati b'dejtabejż tar-reġistrazzjoni tal-prodotti mandatorja (f'għażla 1+ għat-tikkettar biss, f'għażliet 2 u 3 kemm għat-tikkettar kif ukoll għall-ekodisinn) , li tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa għat-titjib tal-infurzar u tal-proċess ta' regolamentazzjoni, u biex sa ċertu punt tiġi indirizzata l-problema tal-livelli baxxi ta' ambizzjoni. Il-miżura alternattiva tad-dejta miġbura minn studju (għażla 1; u f'għażla 1+ għal prodotti koperti

bl-ekodisinn imma mhux bit-tikkettar) tindirizza l-istess problemi għalkemm f'livell inqas u mhux għall-infurzar.

21. Il-miżuri addizjonali biex tiġi indirizzata l-problema ta' livelli baxxi ta' ambizzjoni huma i) l-użu tal-kurvi tat-tagħlim li jiddeterminaw l-inqas spiża taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti li għalihom jitfasslu r-rekwiżiti (għażliet 1, 1+ u 2) u ii) it-tibdil tal-inqas rekwiżit tal-ispiża taċ-ċiklu tal-ħajja f'rekwiżit li hu ambizzjuż b'mod aktar sinifikanti 'f'punt fejn id-dħul jibbilanċja l-infiq' (għażla 3).

22. Il-miżuri addizzjonali għall-indirizzar tan-nuqqas ta' konformità u l-infurzar dgħajjef qed jappoġġjaw azzjonijiet ta' sorveljanza konġunta permezz ta' proġetti ffinanzjati mill-UE (għażliet 1, 1+ u 2), allinjament legali mal-proposta tal-Kummissjoni għal regolament ġdid dwar is-sorveljanza tas-suq[3] (għażliet 1+ u 2), li jissimplifikaw id-dispożizzjonijiet legali tad-Direttiva tat-Tikkettar tal-Enerġija (għażliet 1+, 2 u 3), li jirrikjedu ċertifikazzjoni minn parti terza għall-gruppi kollha tal-prodotti (għażliet 2 u 3) u ċ-ċentralizzazzjoni tas-sorveljanza tas-suq f'livell tal-UE (għażla 3).

23. Il-problema li tikkonċerna impatti ambjentali oħra hi indirizzata bl-estensjoni tal-ambitu għal prodotti li mhumiex relatati mal-enerġija li għalihom dawn l-impatti huma aktar dominanti mill-użu tal-enerġija (għażla 3) jew, inkella, bir-reviżjoni u l-aġġornament tal-metodoloġija tal-analiżi tal-ekodisinn ('MEErP') biex ikunu indirizzati aħjar l-impatti tal-effiċjenza tal-materjal tal-prodotti relatati mal-enerġija (għażliet 1, 1+ u 2).

24. L-analiżi tal-impatti kienet appoġġjata bl-użu ta' mudell li jinkorpora d-dejta mill-istudji preparatorji kollha u l-valutazzjonijiet tal-impatt li saru għall-prodotti koperti bl-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija. Il-mudell jindirizza biss il-prodotti relatati mal-enerġija u għalhekk l-estenzjoni tal-ambitu għal prodotti oħra f'għażla 3 ġiet ivvalutata b'mod kwalitattiv. Studju speċifiku evalwa l-fehim tal-konsumaturi, u l-effett fuq id-deċiżjonijiet tax-xiri tal-konsumaturi, b'tifsiliet differenti tat-tikketta. L-għażliet kollha ġew ikkumparati ma' linja bażi li fiha, l-implimentazzjoni tal-ekodisinn u tat-tikkettar tal-enerġija tista' tkompli, imma li biha ma jistgħux jiġu indirizzati l-problemi identifikati.

6. Analiżi tal-impatti

25. L-għażliet kollha komplew inaqqsu l-użu tal-enerġija tal-prodotti b'ammont sinifikanti, kif muri fit-tabelli ta' ħarsa ġenerali fi tmiem id-dokument. Aktar ma jkun għoli l-grad ta' ambizzjoni tal-miżuri fl-għażliet għall-indirizzar tal-problemi, aktar ikun hemm iffrankar ta' enerġija.

26. F'dak li għandu x'jaqsam mal-fehim tal-konsumaturi, it-tikketti bl-iskali alfabetiċi (jiġifieri, A+++ sa D u A sa G) jinftiehmu aħjar mill-konsumaturi mit-tikketti numeriċi. F'termini tal-effett tagħhom fuq id-deċiżjonijiet tax-xiri mill-konsumaturi, kienet it-tikketta A-G li pperswadiet l-aktar lill-konsumaturi biex jixtru aktar prodotti effiċjenti. Warajha ġiet it-tikketta bin-numri b'lura, filwaqt li t-tikketta numerika kellha l-inqas impatt mit-tikketta attwali A+++ sa D.

[3] COM(2013) 75 finali

27. L-għażliet kollha jnaqqsu impatti ambjentali oħrajn bħall-emissjonijiet tal-gass serra, l-emissjonijiet tal-ossidu tan-nitroġenu u l-użu tal-ilma. Madankollu, minbarra li jnaqqas l-emissjonijiet tal-gass serra, li hu sinonimu ħafna mal-iffrankar tal-enerġija, it-tnaqqis ta' impatti ambjentali oħra hu l-aktar raġonevoli meta mqabbel mal-iffrankar tal-enerġija. Hi biss l-għażla li testendi l-ambitu tad-Direttivi mill-prodotti relatati mal-enerġija għal prodotti oħrajn li għandha l-potenzjal li tindirizza impatti ambjentali oħra b'mod aktar rigoruż. Madankollu, hemm firxa ta' impatti ambjentali tal-prodotti, li mhumiex relatati mal-enerġija, li diġà hi indirizzata b'leġiżlazzjoni oħra.

28. L-impatt ekonomiku ewlieni hu fuq l-ispiża tal-konsumaturi (is-somma tal-kost tax-xiri u l-kost tal-enerġija matul l-użu), li hi sensittiva għall-prezzijiet tal-enerġija. B'żieda ta' 4% fis-sena fil-prezz tal-enerġija sal-2030, in-nefqa tal-konsumaturi hi inqas għall-għażliet kollha min-nuqqas ta' azzjonijiet ġodda u dan il-benefiċċju hu ogħla għal għażliet b'livell ogħla ta' ambizzjoni. B'żieda ta' 0.5% fis-sena fil-prezz tal-enerġija, sal-2020, in-nefqa tal-konsumaturi hi inqas ukoll għall-għażliet kollha min-nuqqas ta' azzjonijiet ġodda, għalkemm f'livell aktar baxx, u l-iffrankar monetarju hu simili għall-għażliet kollha.

29. Ix-xejra għad-dħul kummerċjali ssegwi x-xejra ta' ffrankar tal-enerġija għall-għażliet kollha: aktar ma jkun għoli l-livell ta' ambizzjoni tal-miżuri, aktar ikun hemm dħul kummerċjali. Dan għaliex, minbarra l-prodotti elettroniċi, il-prodotti aktar effiċjenti huma relattivament aktar għoljin f'termini ta' kostijiet tax-xiri. Id-dħul jaffettwa n-negozji l-kbar u lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju bl-istess mod. Madwar 80-85% tad-dħul imur għall-PDG tal-UE. Id-dħul għas-settur tad-dawl jonqos minħabba li jiżdied il-bejgħ ta' tipi ta' bozoz li għandhom ċiklu ta' ħajja itwal u li, b'konsegwenza ta' dan, jeħtieġu li jitbiddlu inqas. Is-settur tat-tisħin tal-postijiet għandu sehem kbir miż-żieda fid-dħul, u hu marbut mal-qlib għal pompi tat-tisħin ġeotermiċi. Jekk il-prezzijiet għall-pompi ġeotermiċi jonqsu aktar milli previst, id-dħul addizzjonali għall-għażliet kollha jkun inqas.

30. Il-piż amministrattiv addizzjonali (apparti dak għall-konformità mal-qafas legali eżistenti) għan-negozju hu konsiderevoli f'każ ta' riforma leġiżlattiva sinifikanti (għażla 2) u għoli f'każ ta' riforma komprensiva (għażla 3). Barra minn hekk, hemm piż amministrattiv rikorrenti ta' EUR 50 miljun għall-manifatturi u ta' EUR 10 miljun għan-negozjanti kull 5-10 snin mill-iskalar mill-ġdid tas-sottogħażla li tintroduċi t-tikketta A-G. Il-kostijiet amministrattivi tar-reġistrazzjoni tal-prodotti fl-għażla 1+ huma stmati għal EUR 1.5 miljun fis-sena għall-industrija kollha. Madankollu, meta tqis li l-konformità hi mandatorja, il-manifatturi u n-negozjanti jistgħu jgħaddu dawn l-ispejjeż għall-adattament għall-iskala l-ġdida u għar-reġistrazzjoni (li flimkien jiġu madwar bejn 2 u 5 euroċenteżmu għal kull prodott ittikketat) lill-konsumaturi li għalihom dawn jiġu kkumpensati fuq diversi livelli bil-benefiċċji monetarji b'riżultat tal-prestazzjoni superjuri tat-tikketta A-G bħala bażi għall-konsumaturi biex jidentifikaw u jixtru aktar prodotti effiċjenti.

7. Konklużjonijiet

31. L-għażla ta' azzjoni mhux leġiżlattiva (għażla 1) waħedha tista' ġġib aktar iffrankar sinifikanti fl-enerġija u tindirizza wħud mill-problemi. Madankollu, ma tistax tindirizza l-problema kruċjali tat-tifsila tal-iskala tat-tikketta tal-enerġija, li għaliha l-analiżi turi li hemm soluzzjonijiet aħjar meta mqabbla mat-tikketta attwali ta' A+++ sa D.

32. L-għażliet ta' riforma leġiżlattiva sinifikanti (għażla 2) u komprensiva (għażla 3) tal-ekodisinn u tat-tikketta tal-enerġija għandhom jiksbu l-ogħla ffrankar ta' enerġija. Madankollu, dawn l-għażliet jistgħu joħolqu ostakli sproporzjonati fejn jidħol il-kummerċ internazzjonali, għax jinkludu ċ-ċertifikazzjoni ta' parti terza għall-prodotti kollha. Barra minn hekk, għall-estensjoni tal-ambitu lil hinn mill-prodotti relatati mal-enerġija, fl-għażla 3 mhuwiex ovvju li l-prinċipju tal-proporzjonalità hu rispettat: l-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija jistgħu ma jkunux l-istrument xieraq għal dawn il-prodotti, u għal numru ta' gruppi ta' prodotti din il-miżura tirkeb fuq linji politiċi ambjentali oħrajn. Għalhekk tidher li tmur lil hinn minn dak li hu meħtieġ għall-ilħuq tal-oġġettivi identifikati.

33. L-għażla ta' azzjoni mhux leġiżlattiva u t-titjib leġiżlattiv għat-tikkettar tal-enerġija (għażla 1+) tidher li hi l-aħjar waħda mill-perspettiva tal-impatti kollha f'daqqa. Tindirizza l-problemi kollha identifikati bis-sħiħ jew b'mod sinifikanti u għandha piż amministrattiv limitat. Tinkludi s-sottogħażla ta' tikketta A-G, li hi aħjar mill-għażliet l-oħra għat-tifsila tat-tikketta. L-għażla 1+, inkluża t-tikketta A-G, hi stmata li tiffranka 47 Mtoe enerġija primarja oħra fis-sena sal-2030.

Tabelli ta' ħarsa ġenerali bir-riżultati ewlenin tal-mudell referenzjali għall-2030

Riżultati li jeskludu kull impatt mill-bidla fit-tifsila tat-tikketta	Għażla 1 Azzjoni ġdida mhux leġiżlattiva	Għażla 1+ Azzjoni ġdida mhux leġiżlattiva + leġiżlattiva għat-tikkettar tal-enerġija	Għażla 2 Riforma leġiżlattiva sinifikanti għall-ekodisinn + it-tikkettar tal-enerġija	Għażla 3 L-estensjoni tal-ambitu u ċ-ċentralizzar tas-sorveljanza tas-suq
Impatti ambjentali				
Użu ta' enerġija (TWh primarju/sena) (Mtoe primarju/sena)	-310 -27	-490 -42	-580 -50	aħjar minn għażla 2
GHG (Mt CO_2-eq./sena)	-45	-75	-87	aħjar minn għażla 2
Impatti ekonomiċi				
Nefqa għall-konsumatur b'rata ta' eskalazzjoni fil-prezz tal-enerġija ta' 4% (biljun € fis-sena)	-20	-27	-32	l-iktar simili għal għażla 2
Nefqa għall-konsumatur b'rata ta' eskalazzjoni fil-prezz tal-enerġija ta' 0.5% mill-2020 (biljun € fis-sena)	-8	-9	-10	l-iktar simili għall-għażliet l-oħra
Dħul kummerċjali (biljun € fis-sena)	+16	+30	+35	mhux disponibbli
Piż amministrattiv				
Piż amministrattiv totali (miljun € fis-sena)	+3	+6	+145	+500-1000

Impatti addizzjonali tal-bidla fit-tifsila tat-tikketta	tikketta A-G	tikketta numerika	tikketta bin-numri b'lura
Impatti ambjentali			
Użu ta' enerġija (TWh primarju/sena) (Mtoe primarju/sena)	-62 -5	+17 +1	-36 -3
GHG (Mt CO_2-eq./sena)	-9.6	+2.6	-5.5
Impatti ekonomiċi			
Nefqa għall-konsumatur b'rata ta' eskalazzjoni fil-prezz tal-enerġija ta' 4% (biljun € fis-sena)	-3.7	+1.0	-2.2
Nefqa għall-konsumatur b'rata ta' eskalazzjoni fil-prezz tal-enerġija ta' 0.5% mill-2020 (biljun € fis-sena)	-1.2	+0.3	-0.8
Dħul kummerċjali (biljun € fis-sena)	+3.7	-1.0	+2.1
Piż amministrattiv			
Piż amministrattiv għan-negozji (miljuni €)	60 (kull 5-10 snin)	60 (darba biss)	60 (darba biss)